SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)
28 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-1/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Jannar 2006, fil-kawża

**Bonn Fleisch Ex- und Import GmbH,**

vs

**Hauptzollamt Hamburg-Jonas,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, J. N. Cunha Rodrigues, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: J. Swedenborg, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Novembru 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Bonn Fleisch Ex- und Import GmbH, minn K. Landry, Rechtsanwalt,

— għall-Hauptzollamt Hamburg-Jonas, minn S. Plenter, bħala aġent,

— għall-Gvern Elleniku, minn I. Chalkias u S. Papaioannou, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn F. Erlbacher, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminarja tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 47(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 351, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2955/94, tal-5 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 312, p. 5, aktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 3665/87").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Bonn Fleisch Ex- und Import GmbH (aktar 'il quddiem "Bonn Fleisch") u l-Hauptzollamt Hambourg-Jonas (uffiċċju doganali prinċipali ta' Hamburg-Jonas, aktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt"), dwar ir-rimbors tar-rifuzjonijiet fuq l-esportazzjoni, mitlub minn dan ta' l-aħħar.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3566/92

3 Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3566/92 tat-8 ta' Diċembru 1992 dwar id-dokumenti li għandhom jintużaw għal skopijiet ta' implementazzjoni ta' miżuri tal-Komunità li jeħtieġu verifika ta' l-użu u/jew tad-destinazzjoni tal-merkanzija (ĠU L 362, p. 11):

"Meta l-applikazzjoni ta' miżura Komunitarja adottata fil-qasam ta' importazzjoni jew esportazzjoni ta' prodotti jew ta' moviment ta' prodotti fi ħdan il-Komunità hija suġġetta għall-prova li l-prodotti in kwistjoni kienu suġġetti għall-użu u/jew id-destinazzjoni prevista jew preskritta minn din il-miżura, tali prova tingħata bil-preżentazzjoni tal-kopja ta' kontroll T5. [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Ir-Regolament Nru 3665/87

4 Jirriżulta mid-disa' u erbgħin premessa tar-Regolament Nru 3665/87 (il-ħamsin premessa fil-verżjoni Ġermaniża):

"[...] jista' jiġri li minħabba ċirkustanzi mhux taħt il-kontroll ta' l-esportatur il-kopja ta' kontroll T5 ma tkunx tista' tiġi prodotta anki jekk il-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità jew ikun wasal f'destinazzjoni partikolari; billi tali sitwazzjoni tista' timpedixxi l-kummerċ; billi f'tali ċirkustanzi dokumenti oħrajn għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala ekwivalenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali iżda meħuda mir-Regolament Nru 800/1999 li ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 3665/87].

5 L-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 3665/87 jistipula kif ġej:

"Id-dokument użat fl-esportazzjoni għal kwalifika għar-rifużjonijiet għandu jinkludi l-informazzjoni neċessarja biex jiġu kkalkolati r-rifużjonijiet, u b'mod partikolari:

a) deskrizzjoni tal-prodotti skond in-nomenklatura użata għar-rifużjonijiet;

b) il-massa netta tal-prodotti, jew, fejn applikabbli, il-kwantità espressa fl-unità ta' kejl li tintuża biex jiġu kkalkolati r-rifużjonijiet;

ċ) fejn huwa meħtieġ sabiex tiġi kkalkolata r-rifużjoni, il-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati jew ir-referenza għal din il-kompożizzjoni;

Fejn id-dokument imsemmi f'dan il-paragrafu huwa d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, din għandha, bl-istess mod tinkludi dawn id-dettalji, kif ukoll il-kliem 'kodiċi rifużjoni'."

6 Skond l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Reoglament:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 u 16, il-ħlas tar-rifużjoni għandu jkun kondizzjonali fuq il-fornitura ta' evidenza li l-prodotti koperti minn dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni aċċettati jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità fi żmien 60 ġurnata minn tali aċċettazzjoni."

7 L-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Regolament jipprovdi li jekk, qabel ma jħalli t-territorju doganali tal-Komunità, prodott kopert b'dikjarazzjoni doganali li tkun ġiet aċċettata jaqsam territorju tal-Komunità li ma jkunx dak ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni, evidenza li dak il-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi fornita permezz tal- kopja ta' kontroll T5 oriġinali endorsjata kif suppost prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 3566/92.

8 L-Artikolu 18(1) ta' l-istess Regolament jipprovdi:

"Prova li l-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum jkunu ġew imwettqa għandha tkun provduta:

a) billi jiġi ppreżentat id-dokument doganali jew kopja jew foto-kopja tiegħu; [...]

jew

b) [permezz ta'] ċertifikat ta' ħatt u ta' rilaxx għall-konsum imħejji minn aġenzija internazzjonali ta' kontroll u ta' superviżjoni approvata minn Stat Membru. Id-data u n-numru tad-dokument doganali ta' l-importazzjoni għandhom jidhru fuq iċ-ċertifikat in kwistjoni

jew

ċ) billi jiġi ppreżentat kwalunkwe dokument ieħor maħruġ mis-servizzi doganali tal-pajjiżi terzi in kwistjoni, li jinkludi l-identifikazzjoni tal-prodotti u li juri li dawn ġew rilaxxati għall-konsum ġewwa dak l-istat terz".

9 L-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 3665/87 jipprovdi:

"1. Ir-rifużjonijiet għandhom jitħallsu biss fuq applikazzjoni speċifika ta' esportatur, mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aċċettata.

L-applikazzjonijiet għar-rifużjonijiet għandhom isiru:

(a) jew bil-kitba; f'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu formola speċifika;

(b) jew bl-użu ta' sistemi informatiċi, skond ir-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti u wara approvazzjoni mill-Kummissjoni.

[...]

2. Ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, id-dokumenti li jirrigwardaw il-pagamenti tar-rifużjonijiet jew tar-rilaxx ta' garanzija għandhom ikunu ppreżentati fi żmien 12-il xahar mid-data li fiha d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aċċettata.

3. Meta l-kopja ta' kontroll T5 imsemmija fl-Artikolu 6 ma tkunx mibgħuta lura lejn l-uffiċċju tat-tluq jew tal-korp ċentrali fi żmien tliet xhur mid-data tal-ħruġ minħabba ċirkustanzi lil hinn mill-kontroll ta' l-esportatur, dan ta' l-aħħar jista' jippreżenta lill-aġenzija kompetenti talba [motivata] li d-dokumenti l-oħra għandhom ikunu meqjusa bħala ekwivalenti.

Id-dokumenti li għandhom ikunu ppreżentati bħala sostenn għal talbiet bħal dawn għandhom jinkludu s-segwenti:

a) meta l-kopja tal-kontroll tkun ġiet maħruġa bħala prova li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità:

— id-dokument tat-trasport,

u

— dokument li juri li l-prodott ikun ġie ppreżentat f'uffiċċju doganali f'pajjiż terz jew wieħed jew aktar mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 18(1), (2) u (4);

[...]

Il-paragrafu 4 għandu japplika f'dak li jirrigwarda l-preżentazzjoni tal-prova ekwivalenti.

4. Meta, avolja jkun għamel ħiltu kif imiss, l-esportatur ma jkunx jista' jakkwista u jwassal id-dokumenti meħtieġa mill-Artikolu 18 fil-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 2, hu jkun jista' jiġi mogħti aktar żmien biex ikun jista' jippreżentahom.

5. L-applikazzjonijiet [sabiex i] d-dokumenti l-oħra [...] ikunu meqjusa bħala ekwivalenti permezz tal-paragrafu 3, sew jekk hi akkompanjati u anki jekk le, minn dokumenti ta' sostenn, u l-applikazzjonijiet għal aktar żmien kid hemm provvediment dwar din fil-paragrafu 4, għandhom ikunu ppreżentati fil-limitu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 2.

[...]"

Ir-Regolament (KE) Nru 800/1999

10 Ir-Regolament Nru 3665/87 ġie mħassar u sostitwit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999, tal-15 ta' April 1999, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 102, p. 11). Dan ir-Regolament ta' l-aħħar daħal fis-seħħ fl-24 ta' April 1999 u japplika mill-1 ta' Lulju 1999. Madankollu, skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 54(1) tar-Regolament Nru 800/1999, ir-Regolament Nru 3665/87 jibqa' japplika għall-esportazzjonijiet koperti bid-dikjarazzjonijiet relattivi aċċettati qabel l-1 ta' Lulu 1999.

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

11 Fid-dritt Ġermaniż, id-dispożizzjonijet Komunitarju dwar ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jinsabu fir-regolament dwar ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni (Ausfuhrerstattungsverordnung), ta' l-24 ta' Mejju 1996 (BGBl. 1996 I, p. 766, aktar 'il quddiem l-"AEVO").

12 L-Artikolu 3 ta' l-AEVO jipprovdi li, bħala dokument ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tar-Regolament Nru 3665/87, għandha tiġi użata l-formola amministrattiva unika stabbilita mill-Ministeru Federali tal-Finanzi li tinsab fil-Gazzetta uffiċjali tal-Ministeru Federali tal-Finanzi (Bundesfinanzverwaltung) taħt it-titolu "Dikjarazzjoni ta' esportazzjoni (folja supplimentari) għar-rifużjonijiet Komunitarji fuq l-esportazzjoni" (dikjarazzjoni ta' esportazzjoni għal finijiet ta' rifużjoni).

13 L-Artikolu 4 ta' l-AEVO huwa redatt kif ġej:

"1. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, il-konferma tal-ħruġ effettiv tal-merkanzija mibgħuta mit-territorju doganali tal-Komunità (konferma ta' ħruġ ta' merkanzija) tinħareġ fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, għall-finijiet ta' rifużjoni, mill-uffiċċju doganali ta' ħruġ [...] applikabbli għat-territorju kopert mir-Regolament preżenti.

(2) Fil-każ ta' kunsinni ta' merkanzija li għalihom id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni ġiet aċċettata fi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea, il-konferma tal-ħruġ tinħareġ għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, fil-kopja ta' kontroll T5."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 Matul is-sena 1998, Bonn Fleisch esportat direttament mill-Ġermanja għar-Russja laħam taċ-ċanga, wara li preċedentament kienet poġġietu taħt is-sistema ta' depożitu doganali, u fuq talba tagħha, irċeviet il-ħlas bil-quddiem tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

15 Wara li kienet ippreżentat id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni lill-Hauptzollamt ta' Bremen fit-8 ta' April 1998, fit-13 ta' Lulju 1998 Bonn Fleisch bagħtet lill-Hauptzollamt, id-dokument ta' trasport li kien jinkludi konferma mill-istazzjon tat-tluq tal-ħelsien mid-dwana, li ġġib id-data tad-9 ta' April 1998, u d-dokument ta' importazzjoni Russu li jindika d-data ta' l-20 ta' Mejju 1998 bħala dik li fiha l-prodotti daħlu fiċ-ċirkulazzjoni libera. Kontemporanjament, Bonn Fleisch talbet ir-rilaxx tal-garanziji.

16 Wara li fil-21 ta' Lulju u t-18 ta' Novembru 1999 il-Hauptzollamt informa lil Bonn Fleisch bit-telefon li ma kienx irċieva d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni endorsjata ta' l-uffiċċju tal-ħruġ li tikkonferma l-esportazzjoni, permezz ta' erba' inġunzjonijiet tat-23 ta' Ġunju 2000, huwa talab ir-rimbors tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni li kienu ġew imħallsa bil-quddiem lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'żieda ta' 20 % minħabba li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma ppruvatx, fit-terminu ta' sittin ġurnata impost mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 3665/87, l-esportazzjoni tal-merkanzija barra mit-territorju doganali tal-Komunità permezz tal-preżentata tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni li tikkonferma l-esportazzjoni.

17 Fil-kuntest tal-proċedura ta' oppożizzjoni intiża biex dawn l-inġunzjonijiet jiġu annullati, Bonn Fleisch sostniet b'mod partikolari li d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni kienet ġiet intbagħtet awtomatikament lill-Hauptzollamt permezz tas-sistema interna ta' l-amministrazzjoni doganali. Ir-Regolament Nru 3665/87 ma jikkontemplax l-obbligu li l-esportatur jibgħat id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni lil din l-awtorità ta' l-aħħar. Fi kwalunkwe każ, Bonn Fleisch irriferiet għall-ittra tal-Hauptzollamt ta' Stralsund tat-2 ta' Novembru 2000, li ssemmi li kopja tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mibgħuta lill-Hauptzollamt kienet ġiet impustata miż-Zollamt ta' Mukran.

18 Skond l-informazzjoni ppreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja waqt il-proċedura orali, din il-kopja tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni kienet ntbagħtet lill-Hauptzollamt fit-terminu ta' tnax-il xahar previst fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 3665/87. Madankollu, hija ma tinsabx fil-fajl amministrattiv ta' din l-imsemmija awtorità, jew minħabba li din qatt ma rċevietha, jew għaliex din tilfitha.

19 B'ittra tat-2 ta' Novembru 2000, Bonn Fleisch indikat li hija kienet bagħtet lill-Hauptzollamt id-dokument ta' trasport u d-dokument Russu ta' importazzjoni permezz ta' ittra tat-13 ta' Lulju 1998 u għaldaqstant, fit-terminu ta' tnax-il xahar previst fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 3665/87. Hija ssostni li l-fatt li ppreżentat dawn id-dokumenti kien implicitament jikkostitwixxi, fil-każ li d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni ma kinitx tinsab fil-fajl miżmum mill-Haupzollamt, talba sabiex jiġu kkunsidrati bħala dokumenti li jagħtu prova ta' l-esportazzjoni tal-merkanzija barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

20 F'din l-ittra tat-2 ta' Novembru 2000, Bonn Fleisch talbet ukoll, din id-darba b'mod espliċita, li d-dokument ta' trasport u d-dokument Russu ta' importazzjoni li hija kienet bagħtet lill-Hauptzollamt permezz ta' l-ittra tat-13 ta' Lulju 1998 ikunu kkunsidrati bħala ekwivalenti, skond l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87.

21 Il-Hauptzollamt ċaħad din it-talba bħala tardiva, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2001, li rreferiet għall-Artikolu 47(5) tar-Regolament Nru 3665/87. Barra dan, huwa indika li l-ittra ta' Bonn Fleisch tat-13 ta' Lulju 1998 ma setgħetx tkun kkunsidrata bħala talba biex id-dokumenti mibgħuta jkunu kkunsidrati bħala ekwivalenti, minħabba li għal dan il-għan kienet meħtieġa talba espliċita u li l-Hauptzollamt ma kellux dritt jirrikonoxxi *ex officio* d-dokumenti bħala ekwivalenti.

22 Fl-20 ta' Marzu 2003, Bonn Fleisch ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Hamburg (Tribunal fiskali ta' Hambourg) kontra d-deċiżjoniet tal-Hauptzollamt li ċaħdu t-talbiet tagħha.

23 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li meta prodott, li fir-rigward tiegħu tkun ġiet aċċettata dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, jaqsam territorji Komunitarji oħra barra dawk ta' l-

Istat Membru li fit-territorju tiegħu din id-dikjarazzjoni tkun ġiet aċċettata qabel ma joħroġ mit-territorju doganali tal-Komunità, l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 3665/87 jipprovdi li l-prova li dan il-prodott ħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità għandha tingieb permezz ta' tal-kopja ta' kontroll T5 oriġinali endorsjata kif suppost. Min-naħa l-oħra, hija tirrileva li fil-każ ta' esportazzjoni diretta bħal dik fil-kawa prinċipali, il-leġiżlatur ma rregolax il-mod li bih l-evidenza li l-prodotti jkunu ġew esportati barra mit-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi ppreżentata, b'tali mod li d-dritt nazzjonali, f'dan il-każ l-Artikolu 4(1) ta' l-AEVO, għandu japplika.

24 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tfakkar li, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 49(3) tar-Regolament Nru 800/1999, li ssostitwixxa r-Regolament Nru 3665/87, l-esportatur jista' jippreżenta lill-korp kompetenti talba motivata għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza, meta l-kopja ta' kontroll T5 jew, fejn xieraq, id-dokument nazzjonali li jagħti prova tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità, ma tkunx waslet lura fl-uffiċċju tat-tluq jew fil-korp ċentrali fi żmien tliet xhur li jibdew jiddekorru minn meta tinħareġ, minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-esportatur. Skond il-qorti nazzjonali, fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 800/1999 ma jagħmel xejn ħlief jirriformola l-kliem użat fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 sabiex jiċċarah, il-fatt li din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar issemmi biss il-kopja ta' kontroll T5 u mhux id-dokument nazzjonali li jipprova l-ħruġ tal-prodotti barra mit-territorju doganali tal-Komunità m'għandux jingħata importanza.

25 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-kawża prinċipali hija kkaratterizzata mill-fatt li, anki jekk id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 3665/87 ma ntbagħtitx lura lill-Hauptzollamt fit-terminu ta' tnax-il xahar preskritt fl-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament, Bonn Fleisch kienet, madankollu bagħtet lill-Hauptzollamt fiż-żmien imsemmi d-dokument ta' trasport u d-dokument Russu ta' importazzjoni. Dawn id-dokumenti jikkostitwixxu provi ekwivalenti fis-sens ta' l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi li għandhom jiġu definiti, l-organu kompetenti jista' *ex officio* jirrikonoxxi d-dokumenti bħala ekwivalenti. Il-fatt li, skond il-premessi tar-

Regolament Nru 3665/87, l-Artikolu 47(3) ta' dan ir-Regolament ġie miżjud fl-interess ta' l-esportaturi huwa argument favur din l-interpretazzjoni. Ir-rifjut tal-pagament ta' rifużjoni jew tar-rilaxx tal-garanziji minħabba l-inosservanza ta' sempliċi formalità, jiġifieri talba formali għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza, ftit ikun kompatibbli ma' l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq.

26 Fir-rigward tal-kwistjoni jekk talba għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza tistax tiġi ppreżentata b'mod impliċitu jew kawtelatorju, il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi li l-obbligu li tiġi ppreżentata talba espressa tiffaċilita l-verifika mill-korp kompetenti, ta' l-osservanza tat-terminu. Madankollu, huwa possibbli li jiġi vverifikat jekk talba għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ġietx debitament ippreżentata fiż-żmien, anki meta din it-talba hija ppreżentata biss impliċitament jew b'mod inċidentali, għaliex l-esportatur għandu jkun adixxa, b'xi mod jew ieħor, l-awtorità kompetenti bit-talba tiegħu għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza. Li huwa importanti huwa biss li tiġi stabbilita, b'mod ċar miċ-ċirkustanzi tad-diversi każijiet ikkuntemplati, ir-rieda ta' l-esportatur li jipprova li l-prodotti ġew esportati b'mod regolari barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

27 Peress li kkunsidrat li l-kawża li kienet qiegħda tittratta, kienet tinvolvi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Finanzgericht Hamburg iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja ż-żewġ domandi preliminari li ġejjin:

"1) Skond l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87, il-korp kompetenti huwa awtorizzat u marbut jirrikonoxxi l-ekwivalenza anki *ex officio*?

2) It-talba għar-rikonoxximent ta' dokumenti bħala dokumenti ekwivalenti msemmija fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 tista' tiġi ppreżentata anki b'mod impliċitu u kawtelatorju?"

## Fuq id-domandi preliminari

28 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tistax jew għandhiex teżamina *ex officio* l-ekwivalenza tad-dokumenti skond l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 u jekk talba għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ppreżentata skond din id-dispożizzjoni tistax tiġi ppreżentata b'mod impliċitu.

29 Ir-Regolament Nru 3665/87, li wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa l-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u l-frodi kkonstatati fil-qasam tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, jipprovdi regoli sostantivi u proċedurali relattivi għall-ġbir tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni (ara s-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, Käserei Champignon Hofmeister, C-210/00, Ġabra. p. I-6453, punt 60, u ta' l-14 ta' April 2005, Käserei Champignon Hofmeister, C-385/03, Ġabra p. I-2997, punt 26).

30 Ir-regola sostantiva li tinsab fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 3665/87 tipprovdi li l-ħlas tar-rifużjoni għandu jkun suġġett għall-produzzjoni tal-prova li l-prodotti koperti mid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni li tkun ġiet aċċettata, ikunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità fi żmien 60 ġurnata minn tali aċċettazzjoni. Fin-nuqqas ta' din il-prova, ir-rifużjoni ma tiġix imħallsa.

31 L-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 3665/87, li jinsab taħt it-Titolu IV intitolat "Proċedura għall-pagament ta' rifużjonijiet", isemmi r-regoli proċedurali li l-esportatur għandu jissodisfa sabiex jirċievi l-pagament tar-rifużjoni.

32 L-Artikolu 47(3) jipprovdi li meta l-kopja ta' kontroll T5 prevista fl-Artikolu 6 ta' l-istess Regolament ma tkunx intbagħtet lura lill-uffiċċju tat-tluq jew tal-korp ċentrali fi żmien tliet xhur mill-ħruġ tagħha minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-esportatur, dan ta' l-aħħar jista' jippreżenta lill-aġenzija kompetenti talba motivata għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza. Permezz ta' din it-talba l-esportatur jippreżenta provi ekwivalenti biex jistabbilixxi li l-prodotti in kwistjoni ħallew it-territorju doganali tal-Komunità, hekk kif mitlub mill-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 3665/87.

33 Però jirriżulta mill-kliem ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 3665/87, li għalih jagħmel referenza l-Artikolu 47(3) ta' dan ir-Regolament, li huwa biss għal prodott li, qabel ma jkun ħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità, ikun qasam territorji oħra barra dawk ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu din id-dikjarazzjoni tkun ġiet aċċettata, li l-prova li dan il-prodott ħareġ barra mit-territorju doganali tal-Komunità għandha tingħieb permezz tal-produzzjoni tal-kopja ta' kontroll T5.

34 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 ma japplikax, hekk kif ġustament sostniet il-Kummissjoni, għall-esportazzjoni diretta ta' prodotti bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali. Din id-dispożizzjoni ma tkoprix it-talbiet għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ppreżentati minħabba t-telf tad-dokument nazzjonali li jipprova, fil-każ ta' esportazzjoni diretta, li l-prodotti in kwistjoni ħallew it-territorju doganali tal-Komunità.

35 Din id-dispożizzjoni tar-Regolament Nru 3665/87 tapplika biss għall-esportazzjonijiet indiretti koperti mill-Artikolu 6 ta' l-istess Regolament. Huwa r-Regolament Nru 800/1999 li jipprovdi espliċitament li talba għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza tista' tiġi ppreżentata meta kopja ta' kontroll T5 użata fil-każ ta' esportazzjoni indiretta jew, fejn xieraq, id-dokument nazzjonali li jipprova li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità fil-każ ta' esportazzjoni diretta, ma tkunx intbagħtet lura lill-uffiċċju tat-tluq jew lill-korp ċentrali fi żmien tliet xhur li jibdew jiddekorru minn meta din tinħareġ.

36 Madankollu, dan ir-Regolament japplika biss mill-1 ta' Lulju 1999 'il quddiem, b'tali mod illi l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 jibqa' japplika għall-esportazzjonijet, bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li għalihom id-dikjarazzjoniet ta' esportazzjoni jkunu ġew aċċettati qabel din id-data.

37 Fin-nuqqas ta' regoli Komunitarji li jispeċifikaw, għall-esportazzjonijiet diretti, id-dokument li l-esportatur għandu jippreżenta biex jipprova li l-prodotti li għalihom id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tkun ġiet aċċettata ħallew it-territorji doganali tal-Komunità, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu liema dokument għandu jiġi ppreżentat mill-esportatur in sostenn tat-talba għall-pagament tar-rifużjoni

38 Mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher illi fid-dritt Ġermaniż, skond l-Artikolu 4(1) ta' l-AEVO, il-konferma li kunsinna ta' prodotti tkun ħalliet it-territorju doganali Komunitarju hija, għall-finijet ta' rifużjoni, indikata mill-uffiċċju tad-dwana tat-tluq fid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni relattiva għat-territorju li fih japplika l-imsemmi Regolament.

39 Skond l-informazzjoni li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, din il-liġi ma tipprovdix, għall-anqas espressament, il-possibilità li l-esportatur jipproduċi provi ekwivalenti sabiex ikun jista' jirċievi l-ħlas tar-rifużjoni.

40 Madankollu, il-ħtieġa li s-sistema Komunitarja ta' ħlas tar-rifużjoni taħdem tajjeb, ma tistax tippermetti lill-Istati Membri li jikkompromettu la l-għanijiet imfittxa mir-Regolament Nru 3665/87 u lanqas il-prinċipji tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità.

41 Għalkemm, fil-każ ta' esportazzjoni diretta, fin-nuqqas ta' legiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, il-modalitajiet proċedurali intiżi biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jirċievu mid-dritt Komunitarju jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern ta' l-Istati Membri, skond il-prinċipju ta' l-awtonomija proċedurali ta' dawn ta' l-aħħar, dawn m'għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom jagħmlu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku Komunitarju (prinċipju ta' effettività) (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen, C-430/93 u C-431/93, Ġabra p. I-4705, punt 17, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2006, Marroso u Sardino, C-53/04, Ġabra p. I-7213, paragrafu 52).

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, adita b'kawża bħal dik fil-kawża prinċipali li fiha d-dokument nazzjonali li jiċċertifika li l-prodotti in kwistjoni ħallew it-territorju doganali tal-Komunità ma jistax jiġi ppreżentat minħabba kundizzjonijiet indipendenti mill-esportatur, għandha, madanakollu tieħu in kunsiderazzjoni *ex officio* n-natura adegwata ta' l-informazzjoni jew tad-dokumenti ppreżentati mill-esportatur fir-dawl ta' l-istruttura, kif ukoll ta' l-ispirtu u l-finalità tar-Regolament Nru 3665/87.

43 Fir-rigward tal-finalità ta' dan ir-Regolament, hekk kif jirriżulta mid-disa' u erbgħin premessa tiegħu (il-ħamsin waħda fil-verżjoni Ġermaniża) u mill-Artikolu 47(3), huwa evidenti li l-leġiżlatur Komunitarju ried jipprovdi, f'ċerti ċirkustanzi, għall-possibilità li l-esportatur jistabilixxi l-ħruġ tal-prodotti mit-territorju doganali tal-Komunità permezz ta' provi ekwivalenti.

44 Billi jipprovdi għal ċertu flessibbiltà fir-regoli proċedurali applikabbli għall-produzzjoni tal-provi li l-esportatur għandu jġib sabiex jikseb il-ħlas ta' rifużjoni, ir-Regolament Nru 3665/87 jieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li hemm ir-riskju li l-esportaturi jsibu l-problemi biex jiksbu d-dokumenti doganali mill-awtoritajiet kompetenti, li fuqhom ma jistgħu jeżerċitaw ebda pressjoni (ara, f'dan is-sens, is-

sentenza tad-19 ta' Ġunju 2003, Eribrand, C-467/01, Ġabra. p. I-6471, punt 41) kif ukoll il-fatt li, kultant, it-telf jew l-għajbien tad-dokumenti rikjesti mir-Regolament għall-benefiċċju tar-rifużjoni, ikun imputabbli lill-imsemmija awtoritajiet.

45 Huwa paċifiku, hekk kif jirriżulta mill-punt 18 ta' din is-sentenza, li t-telf jew l-għajbien tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni rikjesta mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża biex jintwera li l-prodotti in kwistjoni ħallew it-territorju doganali tal-Komunità mhuwiex imputabbli lil Bonn Fleisch.

46 Bl-istess mod, jirriżulta mill-istruttura u l-ispirtu tar-Regolament Nru 3665/87, u b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 47 tiegħu, li dan ir-Regolament ifittex li ma jipprivax awtomatikament lill-esportatur diliġenti mir-rifużjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, meta dan l-esportatur, għalkemm eżerċita l-isforzi kollha li kellu jeżerċita, jinsab fl-impossibilità li jippreżenta d-dokumenti rikjesti għall-ħlas tar-rifużjoni minħabba t-telf tad-dokumenti msemmija bħala riżultat ta' ċirkustanzi li huma indipendenti minnu (ara, b'analoġija, fir-rigward ta' l-Artikolu 47(4) tar-Regolament Nru 3665/87, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 1999, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-54/95, Ġabra p. I-35, punt 148).

47 Għalhekk, meta talba għall-ħlas ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni skond l-Artikolu 47 (1) tar-Regolament Nru 3665/87 tkun ġiet ippreżentata u, minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-esportatur, id-dokument ta' esportazzjoni nazzjonali li jipprova li l-prodotti in kwistjoni jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità ma jistax jiġi ppreżentat, l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam tar-rifużjonijet fuq l-esportazzjoni għandha, b'mod konformi ma' l-għanijet imfittxa mir-Regolament Nru 3665/87, tieħu in kunsiderazzjoni *ex officio* l-provi ekwivalenti, kif ukoll it-talbiet ta' ekwivalenza ppreżentati b'mod impliċitu.

48 Dawn il-provi, li hekk kif jipprovdi l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 jistgħu jinkludu kemm id-dokument ta' transport kif ukoll id-dokument ta' importazzjoni minn Stat terz, invokati minn Bonn Fleisch fil-kawża prinċipali, għandhom madankollu jkunu sodisfaċenti fir-rigward tal-kontroll imwettaq skond il-modalitajiet definiti mid-dritt nazzjonali, sakemm dawn jirrispettaw il-portata u l-effettività tad-dritt Komunitarju [ara f'dan is-sens, għal dak li jirrigwarda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1222/94 tat-30 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti li mhumiex koperti bl-Anness II tat-Trattat, u l-kriterji sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet (ĠU L 136, p. 5), fil-verżjoni li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 229/96 tas-7 ta' Frar 1996 (ĠU L 30, p. 24), is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2006, Heinrich Schultze, C-120/05, Ġabra p. I-10717, punt 26] .

49 Bl-istess mod għandu jiġi mfakkar li, bħala regola ġenerali, skond l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 3665/87, dawn il-provi ekwivalenti, bħal kull element tal-fajl miġjub biex tinkiseb ir-rifużjoni jew ir-rilaxx tal-garanzija, għandhom jiġu ppreżentati, ħlief fil-każ ta' forza maġġuri fi żmien tnax-il xahar wara d-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni.

50 Madanakollu, meta l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-provi ekwivalenti hija imputabbli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fil-każ fejn id-dokument nazzjonali li jipprova li l-prodotti ħallew it-territorju doganali tal-Komunità jkun intilef jew ikun għeb minħabba azzjoni tagħhom, dawn ta' l-aħħar ma jistgħux iqajmu t-terminu ta' tnax-il xahar kontra l-esportatur diliġenti.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi preliminari hija li l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 3665/87 ma japplikax għall-esportazzjoni diretta ta' prodotti.

Madankollu, meta, minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-esportatur, id-dokument nazzjonali ta' esportazzjoni li jipprova li l-prodotti in kwistjoni jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità ma jistax jiġi ppreżentat, l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għandha, b'mod konformi ma' l-għanijiet imfittxa mir-Regolament Nru 3665/87, tieħu in kunsiderazzjoni *ex officio* provi ekwivalenti kif ukoll talbiet għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ppreżentati b'mod impliċitu. Dawn il-provi għandhom, madankollu, ikunu sodisfaċenti wkoll fir-rigward tal-kontroll imwettaq skond il-modalitajiet definiti mid-dritt nazzjonali, sakemm dawn jirrispettaw il-portata u l-effettività tad-dritt Komunitarju.

Meta l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-provi ekwivalenti hija imputabbli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, dawn ma jistgħux iqajmu t-terminu ta' tnax-il xahar previst fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 3665/87 kontra l-esportatur diliġenti.

**Fuq l-ispejjeż**

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 47(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni**

**tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2955/94, tal-5 ta' Diċembru 1994, ma japplikax għall-esportazzjoni diretta ta' prodotti.**

**Madankollu, meta minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-esportatur, id-dokument nazzjonali ta' esportazzjoni li jipprova li l-prodotti in kwistjoni jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità ma jistax jiġi ppreżentat, l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għandha, b'mod konformi ma' l-għanijiet imfittxa mir-Regolament Nru 3665/87, kif emendat bir-Regolament Nru 2955/94, tieħu in kunsiderazzjoni *ex officio* provi ekwivalenti kif ukoll talbiet għar-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ppreżentati b'mod impliċitu. Dawn il-provi għandhom, madankollu, ikunu sodisfaċenti wkoll fir-rigward tal-kontroll imwettaq skond il-modalitajiet definiti mid-dritt nazzjonali, sakemm dawn jirrispettaw il-portata u l-effettività tad-dritt Komunitarju.**

**Meta l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-provi ekwivalenti hija imputabbli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, dawn ma jistgħux iqajmu t-terminu ta' tnax-il xahar previst fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 3665/87, kif emendat bir-Regolament Nru 2955/94, kontra l-esportatur diliġenti.**

Firem